MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2007

Numru 2/2006

Il-Pulizija
(Supretendent Neil Harrison)

vs

Francis sive Frankie Portelli

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 33961G akkuzat talli f’Ghawdex matul is-snin 1999 u 2000:

1. mexxa biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati bi ksur tal-Artikolu 45(1) tal-Att Dwar il-Bank Centrali ta’ Malta, Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew irceva minghand xi persuna, jew kellhu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess kienu falsifikati u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Att Dwar il-Bank Centrali ta’ Malta, Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. wkoll talli bhala ufficjal pubbliku ikkometta dawn ir-reati kollha li kellhu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;
Il-Qorti mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna l-imputat Ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-imputat folio 6 fejn jinsab registrat li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja sussegwentement ribadita tramite l-Avukat difensur tieghu kif jinsab verbalizzat folio 135 u 140;

Rat il-verbal tas-7 ta’ Dicembru 2006 (folio 142);

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali (folio 133) fejn fuq l-iskorta ta’ dawn l-Artikoli baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti f’nuqqas ta’ oggezzjoni minnu salv li tisma’ il-provi li fadal;

Ikkonfermat li l-imputat kien qieghed jaghti l-kunsens tieghu biex l-kawza tibqa’ quddiem din il-Qorti;

Rat il-verbali sussegwenti (li taghhom saret riferenza aktar il-fuq) u rat wkoll l-verbal ta’ din l-udjenza;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Lulju 2007 (folio 142);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet li l-partijiet ghogobhom jipprezentaw;

Ikkonsidrat:

Illi fit-termini tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu tas-19 ta' Settembru 2006 l-akkuzi principali li ghandhom jigu investiti l-ewwel u qabel kull konsiderazzjoni ohra huma dawk relatati mal-Kap 204 li huwa l-Att li Jirregola l-Bank Centrali senjatament fl-Artikolu 45(1) u 46. L-akkuzi l-ohra, hlief ghal dik bazata fuq l-Artikolu 533 li tista' tigi skartata stante li ebda esperti ma gew nominati f'din il-kawza, jistriehu fuq jekk tinstabx reita' fl-imputat taht il-fuq citati artikoli tal-Kap 204.

Dawn l-artikoli jaqraw:

45/1: "Kull min jiffalsifika xi biljett tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat jista' jehel meta jinstab hati…etc; Izda meta biljett tal-flus falsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fiz-zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kinitx taf li kien falsifikat, il-piena tigi ridotta….;

46: "Kull min minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircevi minghand xi persuna, jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett ta' flus falsifikat li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat jehel, meta jinsab hati….

Issa il-fatti pruvati f'din il-kawza u li huma certi mhux biss ghaliex m'humiex kontrastati mill-imputat huma s-segwenti:

- illi huwa fi zmien tar-reati riportati kontra tieghu kien surgent tal-pulizija (kif ghadu sal lum imma sospiz pendenti dawn il-proceduri) stazzjonat gewwa l-gzira ta' Ghawdex;
- illi f'xi zmien matul is-snin 1999 u 2000 fil-kapacita tieghu ta' surgent tal-pulizija huwa irceva minghand certu Mario Schembri erba biljetti ta' flus tal-ghoxrin lira maltin kull biljett li kienu gew fil-pussess tal-imsemmi Schembri

fil-waqt li ibnu kien sabhom imgezwrin f'gazzetta fil-bitha tal-fond residenzjali tieghu;

- illi dawn l-erba' biljetti ta' flus ghamlu xi zmien ghand l-imputat li zammhom hekk kif kienu imgezwra fil-gazzetta gewwa djaru tieghu li kien mizmum l-ghassa gewwa skrivanija fil-kexxun (fost tlieta) li kien ghal uzu tieghu u liema skrivanija kienet accessibbli biss lil tlett surgenti li kienu dak iz-zmien jahdmu f'dan l-ufficju u liema skrivanija kienet tissakkar.

Dawn huma l-fatti saljenti li jikkostitwixxu l-qafas baziku u simplistiku tal-odjerni proceduri. Hemm pero' konsiderazzjonijiet ohra li jmorru oltre l-aspett skwistament estetiku li jehtieg jigu ezaminati u approfonditi billi huwa fuq dawn il-fatturi ulterjuri li tiddependi r-reita' o meno tal-imputat apparti kunsiderazjonijiet legali allacjati maghhom. Dan hu hekk ghaliex meta xehed l-ufficjal prosekutur is-Supretendent Neil Harrison dan spiega illi l-investigazzjoni kontra l-imputat skattat fil-kors ta' investigazzjoni ta' traffikar ta' droga fil-konfront ta' certu Francis Axiaq. Mix-xhieda tas-Supretendent jirrisulta li dan Axiaq meta interrogat fis-26 ta' Mejju 2002 kien accenna ghal xi flus foloz li kienu nstabu fil-pussess ta' Axiaq fis-sena 1999 li kienu erba karti ta' l-ghoxrin lira. Issemmiet f'dan il-kuntest d-data specifika ta' meta dawn il-flus foloz kienu nstabu fil-pussess tal-imsemmi Axiaq, precizament it-30 ta' Gunju 1999, u l-persuna li kienet ghaddithomlu, cjoe' l-imputat u dan skond Axiaq (ara xhieda tas-Supretendent folio 10). Imbaghad kompla is-Supretendent jghid illi Axiaq kien spiega wkoll fejn kien tahomlu (l-imputat) dawn il-flus. Xehed: "qalli li kien ghaddihomlu fil-presenza ta' Emmanuel Cutajar, il-Kamajju, fil-garaxx li s-Surgent Frankie ghandu taht id-dar tieghu, r-residenza tieghu r-Rabat, Ghawdex. Qalli wkoll li hu kien ha erbghin (40) biss, pero' il-kumplament tal-flus, li skond Frankie Axiaq kienu xi seba' mija u sittin lira (Lm760) flus Maltin, kollha tal-ghoxrin lira (Lm20) u l-kumplament, hafna minnhom kien hadhom Leli il-Kamajju…kont staqsejtu x'kien ghamel bihom il-Kamajju dawn il-flus u qal li hu jaf ghax kien qallu il-Kamajju li kien tahom lil wiehed Malti…maghruf bhala il-

Bennej. Qal li wara xi zmien dan il-Bennej kien inqabad ukoll anke bil-flus foloz”.

Illi mill-provi prodotti dak li qal dan Axiaq ma giex kkonfermat lanqas mill-persuna li hu semma bhala il-Bennej li xehed f’dawn il-proceduri u kien kategoriku fic-cahda tieghu. Lanqas ma gie ikkonfermat mill-persuna li kienet maghrufa bhala il-Kamajju, li ghalkemm ma xehedtx f’dawn il-proceduri billi kien miet fil-frattemp, meta mitkellem mis-Supretendent kien wkoll cahad dak li kien allega Axiaq. Tabilhaqq dan Axiaq wkoll gie skreditat fuq allegazzjoni serja li kien ghamel fil-konfront ta’ PC 1440.

Illi l-fatti ta’ kif Mario Schembri kien ghadda l-flus li ibnu kien sab fil-bitha tar-residenza taghhom jinsabu kjarament registrati f’dawn l-atti u fir-rigward hemm x-xhieda tal-ex PC 982. Fatti ohra li rrizultaw jew kien hemm accenn ghalihom f’dawn il-proceduri huma biss dettal li ma jwasslux ghall-grad tal-prova rikjesta mill-prosekuzzjoni bhal per ezempju l-fatt li l-imputat ma’ kienx semma l-flus mill-bidu.

Ikkunsidrat:

Illi analizzati l-provi migjuba kontra l-imputat hija l-ferma konvinzjoni ta’ din il-Qorti li huma kollha frott ta’ kongetturi u supposizzjonijiet li indubjament ma jaghmlux il-prova li tehtieg il-ligi u ma jippruvaw xejn kontra l-imputat. Nonostante dan pero l-prosekuzzjoni ghada tinsisti li tinstema x-xhieda ta’ dan Axiaq. Issa apparti li din il-Qorti izzomm ferm mad-digriet taghha donnha il-prosekuzzjoni ma fehmitx jew ma tridtx tifhem li ghandha dejjem u f’kull cirkostanza tirrenja s-sovranita’ tad-dritt.

Illi apparti l-fatt li x-xhud li l-prosekuzzjoni ghada tinsisti fuqu b’tant akkaniment gie ghal darba darbtejn skreditat minnha stess hemm fattur iehor, pruvat mill-fatti u ta’ importanza tali, li jkompli jaddenta jew adirittura jgib fix-xejn it-tesi tal-prosekuzzjoni. Dan hu li l-erba’ biljetti tal-flus foloz gew elevati minn Axiaq fit-30 ta’ Gunju 1999 meta jirrisulta mill-provi, anka jekk fuq bazi tal-probabbli, li Schembri kien ikkonsenja l-flus lill-imputat xi zmien wara

dik id-data u li l-imsemmija flus ikkonsenjati kienu baqaw ghand l-imputat ghal certu zmien wara li kienu inghatawlu sakemm iddispona minnhom billi jew haraqhom jew iddistruggihom. Li hu ghalhekk cert hawnhekk hu li ma rrisulta l-ebda kollegament bejn il-flus foloz li kienu nstabu u gew elevati minn fuq Axiaq u l-flus ikkonsenjati lill-imputat kif trid taghti x'tifhem il-prosekuzzjoni. Dak li ntqal jew li gie insinwat f'kawza ohra, di piu' mhux quddiem din il-Qorti, ma jinteressax lil din il-Qorti sakemm il-prova ma tirrisultax li ngiebet u saret f'dawn il-proceduri. L-alluzjoni hawnhekk tirreferi ghas-Lm750 lira foloz f'denominazjonijiet ta' Lm20 li irrefera ghalihom is-Supretendent fix-xhieda tieghu li kien semmihom Axiaq xhud skreditat ghal darba darbtejn!! u li isemmew f'xi proceduri distinti minn dawn odjerni.

Ikkonsidrat:

Illi kif gja riferut l-akkuzi jippotizzaw reati kontra l-Kap 204, senjatament taht l-Artikolu 45(1) u 46 li gew riprodotti aktar 'il fuq. Fil-kuntest ta' dawn l-artikoli din il-Qorti qeghdha minghajr ebda esitazzjoni tghid illi taht l-ewwel citat artikolu ma tirrisulta ebda reita' u dan mhux fuq bazi tal-probabbli izda bla ebda dubbju dettat mir-raguni. Taht it-tieni artikolu l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-difiza u a skanz ta' ripetizzjoni taghmel taghha dak li gie sottomess fin-nota responsiva tad-difiza. Taqbel ukoll mad-difiza li jekk hawnhekk si trattatava ta' irregolarita' izda mhux ta' illegalita' li jinghad li dwarha ma ngabet ebda prova misshom ittiehdu kontra l-imputat proceduri ohra izda mhux proceduri kriminali.

Inghad dan ghalhekk m'hemm ebda skop li din il-Qorti tinoltra aktar fid-dibattiment tal-akkuzi l-ohra.

Taqta' u tiddeciedi ghalhekk li n-vista tal-fatt li mhux qeghdha ssib l-imputat hati qeghdha konsegwentement tilliberah minn kull akkuza, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------